**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IS-SEBGĦA KUNSILL

SEDUTA NRU 35 – il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2015 fil-17.00hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsilli |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m pero kellha tiġi sospenduta peress is-Sur Xuereb ta' Rodeco Ltd. għamel preżentazzjoni ta' magna li tagħmel tiswija tat-toroq. Huwa spjega fid-dettal il-proċess ta' *permanent repair* b'din il- magna li tuża *thermal heaters*. Huwa qal ukoll li hija *C.E. certified*. Huwa qal li b'din il-magna sar xogħol fuq Triq l-Isperanza, il-Mosta u l-Ajruport. B'din il-magna m'hemmx għalfejn jingħalqu t-toroq u x-xogħol huwa *guaranteed* għal sentejn.

1.2 Is-Sur Xuereb issuġerixxa li l-Kunsill jingħaqad mal-Kunsilli l-oħra tar-Reġjun biex l-ewwel net ikollna iktar saħħa u anke bħala ħlas, ma jkunx daqshekk għoli jekk l-ispejjes jinqasmu bejn il-Kunsilli tar-Reġjun. Anke bħala Tender għandha ukoll issir bħala Reġjun.

1.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li din hija veru interessanti u jrid isir *feedback* mir-Reġjun, trid terġa tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun.

1.4 Is-Sindku qalet li meta jkun hemm il-laqgħa tar-Reġjun Ċentru għandu jingħata *feedback* fuq din il-magna biex jiġi deċiż il-'way forward'.

1.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi irringrazzjat lis-Sur Xuereb ta' din il-preżentazzjoni.

## 2. INTRODUZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 34 TAT-13 TA' MEJJU 2015

2.1 Il-Laqgħa kompliet fis-6.00p.m. bis-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tinroduċi lis-Sinjorina Isabella Taliana, l-Ambaxxatriċi taż-Żagħżgħ u laqatha fost il-Kunsill. Hija qalet li hija anke għandha tinforma l-Kumitat taż-żgħażagħ biex tara l-bżonnijiet tagħhom imbagħad tressaqhom quddiem il-Kunsill. Is-Sindku iffirmat iċ-ċertifikat tas-Sinjorina Taliana.

2.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jgħidu jekk hemm xi korrezzjonijiet fuq minuti nr 34 tat- 13 ta' Mejju 2015.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tagħmel korrezzjoni fuq 2.3 fejn hija qalet li qatt ma kienet qalet li għandha tinbagħat ittra lir-residenti ta' Triq id-Dejqa biex ma jintfgħux 'cigarette ends' ma' l-art. Din l-ittra inbagħtet bi żball, kienet *misunderstanding* mill-uffiċċju. Il-Kunsill qabel li għalkemm l-ittra intbagħtet bi żball hija xorta waħda tagħmel ġid. Fil-fatt ma kienex hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, minuti nr 34 ta' 13 t' Mejju 2015 ġew approvati.

## 3. ARISING FUQ MINUTI NR 34 Tat -13 TA' MEJJU 2015

3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq nr 2.2 u kif bqajna fuq il-karozza tal-linja tar-rotta ta' Ħal Lija jekk ikkonfermawx data tar-rotot

il-ġodda. Hija issuġerit li tinbagħat reminder biex nibqgħu nirsistu fuqha.

3.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq 2.1 tal-*Catch the drop*. Huwa qal li rridu iktar informazzjoni fuq il-*boards* li iridu isiru fuq il-proġett. Huwa qal ukoll l-HSBC bagħtu informazzjoni ta' x'għandhom f'moħħhom bħala billboard. Is-Segretarju nfurmat li l-HSBC kienu nfurmaw lill-Kunsill li issa qed jitkellmu ma' Dr.Marc Sant fuq dan.

3.3 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur kien ġie iħallas il-permess tat-trench biex jinbdew ix-xogħlijiet fuq dan il-Culvert u probabilment x-xogħolijiet jibdew għal l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla. Is-Sindku fakkret li dan il-Culvert ser iservi biex jagħti l-ilma lill-Ġnien għat-tisqija.

3.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li wara li l-Kunsill iltaqa' mal-Pulizija, dawn taw żewġ ċitazzjonijiet biss u ma tawx iktar. Peress li is-sitwazzjoni għada gravi ħafna, qed tisuġerixxi li tinkiteb ittra lill-Ministeru fejn jgħid li l-Kunsill mhux qed isib ebda għajnuna mill-Pulizija peress li l-għassa ma għandiex 'manpower' biżżejjed. Din għandha tgħin anke lill-Pulizija. Is-Sitwazzjoni fuq il-parking hija gravi ħafna fir-raħal kollu. Trid tinbagħat e-mail lis-Sinjorina Stephanie Cutajar u lis-Surgent Luke Bonello.

3.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li dejjem għandna ninfurmaw lil l-Ispettur Luke Bonello.

3.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet jekk jistax isir xi ħaġa biex jiġi infurzat li min għandu garage jipparrkja ġol-garage u mhuxjieħu *parking space* barra. Saret diskussjoni fuq dan peress li kulħadd iħallas il-liċenzja tat-triq allura kulħadd għandu dritt li jipparkja fejn irid.

## 4. JUM ĦAL LIJA

4.1 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet mal-Kappillan il-ġdid fejn infurmatu fuq x'isir f'Jum Ħal Lija. Hija stednietu biex jiltaqa' mal-Kunsill meta jgħaddu il-Festi tal-Qalb ta' Ġesu u oħrajn.

4.2 Is-Sindku kkonfermat li l-Kappillan ma sab l-ebda problema li narmaw is-siġġijiet fuq iz-zuntier in-naħa ta' l-uffiċċju tiegħu biex isir il-kunċert żgħir mill-Accordian Band.

4.3 Is-Segretarju kkonfermat li San Pio X Band Club ikkonfermaw li jistgħu isselfuna ftit siġġijiet għal din l-okkażżjoni. Ser ikollna bżonn ħmistax il-siġġu għal l-Accordian Band u ftit siġġijiet għan- nies. Is-Sindku u l-Kunsill apprezza din l-għajnjuna mingħand il-Każin tal-Banda.

4.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li fuq din l-attivita' diġa nfurmajna lill-Kultura u l-MTA u l-*calendar ta' l-events* u qed tissueġerixxi li navżaw ukoll fuq programme tat-TVM li jismu six to eight li ser jibda mid-29 ta' Ġunju sa Settembru. Għal dan il-programm ġejna mistiedna biex navżaw *forthcoming* events. Dan il-programm ser isir kull nhar ta' Ġimgħa bejn is-18.10 u 19.45. Il-Kunsill qabel li għandna navżaw mill-ewwel biexl-attivita' ta' Jum Ħal Lija tiġi avżata fl-ewwel programme peress li d-data ta' Jum Ħal Lija hija fis-6 ta' Lulju 2015. Hija kompliet tgħid li anke nistgħu navżaw iktar il-quddiem fuq il-Festa ta' Ħal Lija.

4.5 IS-SINDKU S-SINJURA MAGDA MAGRI NAUDI, QALET LI HIJA TIXTIEQ LI IZ-ZEWG KAZINI SOCJALI JINGHAQDU BEJNIETHOM U JARMAW BI DRINKS U XI BIBITA GHAL MIN IKUN SER JATTENDI. IL-KUNSILLIERA QALU LI L-ISKOP HUWA TAJJEB IMMA MHUX SER TKUN WORTH IT.

4.6 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq Ġieħ Ħal lija. Id-deadline għall-applikazzjoniet għal Ġieħ Ħal Lija għalqu il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2015. Il-Kunsill kien diġa iddeċieda fuq persuna waħda li tieħu dan il-Ġieħ. Il-Kunsill kien iddeċieda li għandhu jingħata lill- Fr .David peress li kien hu li beda il-proġett tar-restawr tal-Pitturi u għamel ħafna ġid fir-raħal. Imma li l-Kunsill kien iddeċieda ukoll li jiftaħ din in-nomina lill-għaqdiet tar-raħal kif kien ġie deċiż is-sena l-oħra. L-applikazzjoni ħaduha biss is-Soċjeta' Sant' Andrija u s-Sinjorina Stephanie Cutajar ġiet mitluba toħroġ mill-kamra peress li n-nomina li l-Kunsill irċieva kienet tal-papa tagħha stess, tas-Sur Louis Cutajar. In-nomina waslet l-uffiċċju tal-Kunsill b'għaxar firem. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera għall-kummenti tagħhom. Wara li saret l-evalwazzjoni, il-Kunsill iddeċieda li Fr.David għandu jingħata Ġieħ Ħal Lija 2015.

4.7 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar intablet biex tidħol fil-kamra u ġiet infurmata bid-deċiżjoni. Hija qablet ma' din id-deċiżjoni peress li l-Kunsill kien diġa iddeċieda li jagħti dan il-ġieħ lil persuna waħda. Għandhom jittieħdu l-passi neċessarji kollha biex nippreparaw għal dan il-Ġieħ.

## 5. KOPPISPONDENZA U VIP LIST

5.1 Is-Segretarju nfurmat fuq e-mail li kienet waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill li grupp ta' 15 il-żgħażagħ taljani jixtiequ jagħmlu xogħol volontarju għal tlett ġimgħat bejn Ġunju u Settembru 2015. Il-Kunsill qabel dwar dan unanimament u qablu li nipprovaw insejjħu tnejn minn dawn iż-żgħażagħ. Is-Segretarju nfurmat li peress li l-uffiċċju fis-sajf ikun iktar

*hectic* ma jkollniex ħafna ħin biex noqgħodu ngħallmu imma xogħol bħal *filing*, li huwa ħafif, ikunu jistgħu jagħmlu.
Saret diskussjoni fuq kemm lura fis-snin għandna nżommu korrispondenza. Is-Segretarju nfurmat li konna diġa staqsejna lid-Dipartiment imma qatt irċevejna risposta. Għandha terġa tinbagħat reminder.

5.2 Is-Segretarju nfurmat li irċevejna e-mail mingħand Dr. Angele Vella rigward il-Bye-laws fejn il-Kunsill ġie nfurmat li qabel kollox kellu iġib'il-ħsieb' tal-bye-laws f'żewġ gazzetti lokali bl-ingliż u bil-Malti u anke fil-Gazzetta tal-Gvern. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-uffiċċju mexa skond il-proċedura li konna nfurmati biha u 'il-hsieb' qatt ma kien issemma qabel. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet qed tipprova titkellem ma' Dr. Angele fuq din u anke fuq legal notice 25 tat-2015 peress li din mhiex ċara. Il-Kunsill qed jistaqsi liema *machinery* għandu jiġi iċċarġjat skond il-legal notice jew le. Is-Segretarju nfurmat li l-bye-laws li kienu ġew *forwarded* lill-Minority Leader Dr. Marc Sant kienu diġa ikkoreġuti u intbagħtu lill-Cabinet. Dr. Marc Sant ser jiċċekkja dwar dan u jinforma lill-Kunsill sa nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2015.

5.3 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill Memo 8 /2015 fuq il-ftehim kollettiv għal ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali, Kumitati Reġjonali 2012 – 2016. Hija spjegat eżatt dan il-ftehim. Filkas tas-Segretarju hija qalet li peress li hija kient ilha għaxar snin fi scale 11, hija intitolata għall-arretrati bejn it-2013 u sa Lulju 2014 fejn imbagħad leħqet Segretarju Eżekuttiv. Hija nfurmat lill-Kunsill li allura ser ikun hemm bidla fis-salarju għal dan ix-xahar. Din hija forma ta' lump sum ta' darba. Hija nfurmat lill-Kunsill li meta kien hemm żiediet fuq Human Resources id-Dipartiment dejjem irrikompensa, bit-tama li din id-darba tkun l-istess.

5.4 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda kwotazzjoni tas-Sur Jimmy Muscat fuq ġbir ta' ħaxix f' Halmann Area għal prezz ta' €120. Is-Sindku spjegat li ipprovajna ngħidu lill-ġardinar biex jagħmel dan ix-xogħol imma dan ma jistax isir ma' l-ELC peress li dan huwa ġbir ta' ħaxix u mhux qtugħ ta' ħaxix. Is-Segretarju nfurmat li kienu inġiebu kwotazzjonijiet għal qtugħ u ġbir għal prezz ta' €750. Il-qtugħ ser isir ġentilment mingħand resident b'xejn issa li l-ħaxix kiber ħafna. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat li f'Kunsill partikolari dan isir kollu mill-ħaddiema tal-Kunsill, imma dawn iridu jaraw fejn jintrama. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia insistiet li wara li jinġabar il-ħaxix trid issir kinsa. Is-Sindku qalet li l-ewwel naraw li jinqata' u jinġabar il-ħaxix u

wara naraw kif jinkines. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-kwotazzjoni.

5.5 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill ittra rigward Programm Ħadd Għalik Sajf, fejn il-Kunsill ġie mitlub biex insibu erba' persuni li jkunu il-fuq minn 17 il-sena u jkunu jafu jgħumu biex jieħdu sehem f'dan il-programm. Is-Segretarju staqsiet ir-rekwiżiti eżatti imma qatt ma irċeviet risposta. Il-Kunsill qabel u ġie deċiż li s-Sinjorina Taliana bħala Ambaxxatriċi taż-żagħżagħ issib erba' żagħżagħ hija.

5.6 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill e-mail li kienet waslet mingħand il-Perit Bezzina rigward *Eu Funds* sqaqien ġewwa Ħal Lija. Wara li l-Kunsill għadda l-lista ta' l-isqaqien li jixtieq japplika għalihom, il-MEPA nfurmat li l-isqaqien kollha jistgħu jiġu nklużi minbarra wieħed li huwa sqaq nr.1 Triq Annibale Preca minħabba li dan l-isqaq ma jinstabx fiż-żona UCA ta' Ħal Lija. Il-Perit kompla jgħid li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina li jinsab fiha il-Kunsill qed joffu l-għajnuna tagħhom biex il-Kunsill ikun jista japplika u jieħu dawn il-fondi għal ġid tal-lokalita'. Huma qed joffru li jagħmlu dan ix-xogħol bħal ħruġ tal-permessi mill-MEPA bla ħlas diment li jiġi iffirmat ftehim mal-Kunsill li jekk fil-futur jottjeni l-fondi huma jibqgħu l-Periti fuq dan il-proġett. Jekk isir *change of Archietect* huma xorta waħda ikunu intitolati għal 6% *professinal fees.* Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li irridu niċċekkjaw kemm ser jieħu l-Perit fuq il-proġett. Irridu nistaqsu lill-Clayton b'liema percentaġġ ser jitħallsu. Is-Sindku qalet li jekk huwa parti mill-proġett, ir-rata li biha jithallas il-Perit tkun *standard.* Il-Kunsill qabel li għandha niċċaraw dawn l-affarijiet iktar mal-Perit u nistaqsu kemm bejn wieħed u ieħor ser jitħallsu fuq dan il-proġett għax jista jkun hemm affarijiet li forsi ma jkunx sewwa u b'hekk jinżel l-ammont li nkunu ser nieħdu.

5.7 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill l-applikazzjoni għal Skema A + Accessibililty Award 2015. Is-Segretarju nfurmat li kienet bagħtet e-mail il-ġurnata ta' qabel fejn spjegat li x-xogħol ta' aċċessibilita l-ewwel irid jagħmlu l-Kunsill u jekk jiġi *awarded* jieħu l-premju. Imma l-Kunsill irid l-ewwel joħroġ il-flus u mhux garantit li ser jeħodhom lura ghax dan huwa premju u mhux skema. L-ewwel premju huwa ta' €25,000. Is-Sindku nfurmat li ma nistgħux nidħlu għal din l-iskema.

5.8 Is-Segretarju nfurmat li r-residenti qed ikomplu jinsistu li jitħallsu għal *claims* li kienu għamlu meta saru xi ħsarat fil-karozzi tagħhom minħabba t-toroq. Is-Segretarju tixtieq tkun taf jekk hux ser inħallsu

jew le dawn il-*clamis* biex ninfurmaw lir-residenti. Dawn jammontaw għal madwar €700. Hija kompliet tispjega li min għamel il-*claims* ma jinteressahomx il-pożżizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, li jinteresshom huwa li jitħallasu. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir lista tal-*claims* ta' kif waslu l-uffiċċju tal-Kunsill u nibdew inħallsu wieħed wieħed jew tnejn tnejn jiddependi mill-ammonti tal-*claims*, ovvjament issa meta tidħol l-allokkazzjoni.

5.9 Daħlet *request* mingħand il-Każin tal-Banda biex isiru sitt toqob bil-*removable bollards*, inferxin fil-pjazza u Triq Sir Ugo u Vjal it-Trasfigurazzjoni biex jintużaw meta jkun hemm bżonn li jingħalqu dawn it-toroq. Ir-*removable bollards* jinżammu u jkunu propjeta' tal-Kunsill. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill għandu spiża biex jagħmel dawn it-toqob. Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi qalet li jekk isiru dawn il-bollards, il-Kunsill ser joħloq preċident għax kull għaqda jista' jkollha bżonn tagħlaq xi triq xi darba jew oħra. Dan ir-request ma ġiex approvat mill-Kunsill. Irridu ngħidu li ghalkemm naqblu ma l-idea tagħhom, il-Kunsill bħalissa mhux ser jagħmel l-ebda *bollards*.

5.10 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjonijiet tad-doggy bins li jammontaw għal €135.70 l-irħas. Din id-doggy bin għandha teħel fi Triq Kardinal Ferretti. Peress li hemm iktar affarijiet importanti ġie deċiż li din tiżdied mal-lista għalissa. S-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm bżonn nagħmlu lista ta' l-affarijiet pendenti kollha għal laqgħa li jmiss.

5.11 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda kwotazzjonijiet għal ashtray bins bi prezzijiet bejn €54.50, €108.56, €201.39 u €94.40. Din ir-request kienet għal Triq id-Dejqa peress li qed jintremew ħafna sigaretti. Il-Kunsill qabel li din mhiex priorita għalissa.

5.12 Request għal double yellow lines fi Triq Merino ħdejn dar no.30-31 li ġew approvati mit-TM. Il-Kunsill irid jiddeċidi jekk dawn isirux (photo attached). Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, qalet li resident ilmenta li huwa kellu kaxxa safra u meta Triq Preziosi ġiet *resurfaced* din tneħħiet. Peress li din il-kaxxa kienet diġa hemm m'hemmx bżonn permess mit-TM.

5.13 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet ukoll fuq double yellow lines ħdejn Sant'Cassia fi Triq Sir Ugo Mifsud. Din ir-request għandha tinbagħat lit-TM bl-e-forms bir-ritratti.

5.14 Resident minn Triq Mario Agius reġgħa għamel request għal 1mtr double yellow lines mal-ġenb ta' kull naħa ta' drive-in bil-garage tiegħu. Is-Sur Muscat ta' Transport Malta issuġerixxa li jekk isiru 1mtr double

yellow lines mal-ġenb ta' drive-in tiegħu biex ma jinħellix l-ispazju isir *motorcycle bay*. Huwa qal li l-Kunsill jista jivverifika jekk il-garage hux qed jintuża bħala garage billi jirraporta lill-Pulizija. Il-Kunsill qal li allura jistgħu isiru yellow lines fit-triq kollha. Għandna nergħhu nitkellmu mas Sur Muscat fuq dan.

5.15 Resident jixtieq jagħmel request għal *motorcycle bay* fi Triq Giuseppe Cali għax hemm spazju żgħir u biex ma jinħeliex. Għandha ssir applikazzjoni bl-e-forms lit-TM.

5.16 Rigward ir-request tal-one way sign fi Triq Fernand Gregh il-Kunsill diħa għandu l-pjanti tal-perit Bezzina li turi *option ta' one way sign*. Il-Kunsill irid jara jekk jaqbilx qabel ma nibagħtu ir-request lit-TM. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li din il-pjanta mhiex qeda sewwa għax trid tiġi kollha bil-kontra. Hija qalet li hija għandha pjanta oħra u l-Kunsill jista' jerġgħa jiltaqa' biex jiddiskuti l-pjanti li għandha qabel ma nibgħatuha għal approvazzjoni tat-TM. Is-Sindku kompliet tgħid li fl-aħħar laqgħa resident minn Triq is-Salvatur kien ressaq ilment ukoll u huwa lest li jgħin.

5.17 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li kellna nagħmlu laqgħa mal-MEPA u TM fuq il-Plans tat-traffiku li kienet ippreżentatilna Dr. Maria Attard. L-ewwel għandna nitkellmu ma' Dr. Maria Attard biex naraw l-*availability* tagħha biex issir din il-laqgħa.

5.18 Is-Segretarju ppreżentat kopja tar-risposta tal-Management letter li trid tinbagħat lill-Awditur Ġenerali, l-Awdituri u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sas-19 ta' Ġunju 2015, lill-Kunsilliera kollha. Hija stiednet lil min għandu xi korrezzjonijiet ħalli tiġi approvata. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-'missing file' tal-Contracts Manager. Huwa qed jgħid li skond hu għandhom isiru rapporti fuq dan. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li għandna nibdew mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jagħtina 'way forward'. Is-Segretarju nfurmat li l-Contracts Manager qed jistenna li jitħallas tax-xogħolijiet ta' Triq id-Dejqa u anke ta' l-Ells li sar is-sena l-oħra, għax il-ftehim kien li huwa jitħallas 4% fuq il-kuntratti kollha. Waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogħolijiet huwa kien qed jiċċekkja x-xogholijiet. Il-Kunsill qal li l-perit li jiċċertifika x-xogħol għandu jitħallas fuq dawn ix-xogħolijiet. Ġie iċċarat li l-Contracts Manager jagħti servizz u ma għandux salarju. Is-Sur Massimo Scerri qal li la kien qed imur fuq il-post hu irid jitħallas imma mhux b'din ir-rata. Fl-uffiċċju hemm biss l-*acceptance letter* bid-data ta' 10 ta' Dicembru 2013 u l-kuntratt qatt ma sar. Is-Sur Massimo qal li la hemm *acceptance letter* din torbot xi ħaġa.

Minħabba li l-aġudikazzjoni tat-tenders ma saretx l-uffiċċju, il-files ħarġu mill-uffiċċju. Għalhekk għandha tintalab l-għajnuna tad-Dipartiment.

5.19 Il-Minoirty Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq meta ser joħorġu l-*expired contracts*. Is-Segretarju nfurmat li hemm tnejn li iridu joħorġu, u fl-aħħar t'Ottubru ser tiskadi it-tender tal-latrina. Ġie deċiż li dawn joħorġu t-tlieta f'daqqa. S-Segretarju nfurmat li għal ħabta ta' Lulju nibdew nippreparaw għalihom.

5.20 Ir-risposta tal-Management letter ġiet approvata unanimament.

5.21 Is-Segretarju nfurmat li l-ġurnata ta' qabel kienet waslet ittra mingħand l-Avukat tal-Waste Collection Ltd fejn dan qed jitlob il-ħlas ta' €11,362.50 fi żmien ġimgħa bl-imgħax ta 8%. Is-Segretarju nfurmat li hija ċemplet lill-Kuntrattur biex tivverifika din l-ittra. Huwa nforma li l-Kunsill qiegħed tlett xhur b'lura bħala ħlasijiet. Is-Segretarju nfurmat li hija, kellha *it-tender documents* quddiemha qaltlu li skond it-tender 'specific conditions and specifications' it-*terms of payment* huma ta' sittin ġurnata. Dan iffisser li m'hemmx pagamenti bl-lura. Dakinhar tal-laqgħa kienet waslet ittra oħra mingħand l-Accountant tal-Waste Collection fejn din id-darba qalu li ser jagħtu lill-Kunsill ċans ta' għaxar t'ijiem biex il-Kunsill iħallas is-somma msemmija hawn fuq għax fil-kas jieħdu passi legali. Is-Segretarju nfurmat li barra min hekk, bagħtu ukoll żewġ multi għax qed jgħid li l-pagamenti ta' Marzu ħallasna tard. Is-Segretarju nfurmat ukoll li l-firma reġgħet ġiet iffalsifikata għal darba oħra, din id-darba mill-Kunsill ta' San Ġwann. Din il-korrispondenza kollha għaddiet għand l-Avukat tal-Kunsill biex ikomplu jittieħdu l-passi neċessarji. Il-Minority Leader qal li hemm bżonn tittieħed azzjoni immedjata. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk nistgħux nagħmlu kuntratt ta' sena allura l-ewwel sitt xhur ikunu *probation*, wara jerġgħa jinħareġ kuntratt għal tlett snin u jerġgħu jkollu sitt xhur *probation*.

## 6. FEEDBACK TAR-REQUESTS MINGĦAND IT-TM

6.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill bil-feedback mingħand it-TM fejn double yellow lines jew kaxxa żgħira safra quddiem residenza għax qed jipparkjaw eżatt ma l-għatba tagħhom ġew approvati u l-Kunsill reġgħa approva biex isiru ukoll.

6.2 Request for *Loading & Unloading bay* quddiem tat-Torri Confectionery ma ġietx approvata mit-TM. S-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li xi

ħaga trid issir għax ma jistax ikun li trukkijiet kbar jipprakjaw fin-nofs tat-triq u jżommu t-traffiku kollhu. Is-Segretarju nfurmat li ebda request ma ngħataw mit-TM. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li meta napplikaw għal *timed loading and unloading* għal għaqdiet u l-każini nistgħu napplikaw għal din ukoll.

6.3 Ir-Request for double yellowlines jew No Parking Signs fi Triq Agostino Portelli t-tul tal-bankina kollha ġiet approvata. Għandha ssir ittra lit-TM biex nistaqsuhom jekk jagħmlux dawn il-yellow lines huma peress li l-bankina għamluha huma ukoll.

6.4 Ir-Request għal *Reserved Parking* quddiem il-German Ambassador ġie approvat imma iridu jinġiebu kwotazzonijiet għal stencils biex ikunu jistgħu jagħmluhom il-ħaddiema tal-Kunsill u mhux tal-Koptasin Jekk jista jkun din issir qabel il-25 ta' Ġunju peress li għandhom attivita'.

6.5 Ir-request għall-bollards quddiem residenza fi Sqaq nr. 2 Triq Preziosi, dawn ma ġewx approvati imma yellow lines faċċata tar-residenza tul il-garaxxijiet kollha ġew approvati, imma imbasta jitneħħew il-planters li hemm faċċata ta' din ir-residenza. Irridu naraw ta' min huma il-planters u jekk huma tal-Kunsill jitneħħew. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li double yellow lines kienu diġa saru imma inħolqu ħafna problemi. Għandna nitolbu lit-TM għal *white walking line* għal safety bħal ma kien qalilna is-Sur Muscat għal Triq il-Kbira.

6.6 Request għal double yellow lines quddiem l-entratura ta' drive-in tiegħu li jiġi eżatt faċċata tal-garage minn wara tal-MUSEUM tas-Subien, it-TM trid aktar informazzjoni bħala l-wiesgħa tal-van il-wiesgħa tat-triq u l-wiesgħa tal-bieb ta' drive. Dawn intbagħtu.

6.7 Ġiet approvata il-bankina ta' Triq Ramiro Barbaro quddiem ir-residenza nr 6.

6.8 Ġiet approvata ukoll 1 metre double yellow lines fil-ġenb ta' l-entratura tal-garages tiegħu fi Triq Ġużeppi Portelli u b'dawn jitneħħa parking space. Peress li ser jitneħħa parking space irridu nistaqsu lir-residenti u ngħidulhom li ser jitnaqqas parking. Il-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħa parking space.

6.9 Request għal kaxxa jew double yellow lines quddiem ir-residenza tagħha fi Triq Preziosi nr.15 ma ġietx approvata.

6.10 Request għal plastic bollards fi Triq il-Mosta biex ma jdurux għal Triq Preziosi għada pendenti.

6.11 Request għal single yellow lines fi Triq Giovanni Barbara ġew approvati.

7. SKEDA TA’ ĦLASIJIET

7.1 Is-Segretarju preżentat l-iskeda tal-pagamenti għal l-approvazzjoni tal-Kunsill.

7.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ma approvax pagament nr 1 u 2 tal-Waste Collection għax xahar ta’ April u nr 29 ta’ l-Ells Urban Services għal patching u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma aprovatax il-pagamenti nr 1 u 2 ukoll.

7.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar l-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata.

8. SKEDA TAL-PETTY CASH

8.1 Is-Segretarju preżentat skeda fuq il-petty cash. Din l-iskeda ġiet approvata unaniment.

9. MEASURE 125

9.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet ġiet ikkuntatjata mill-Majjistral Action Group fejn qed titlob lill-Kunsill biex issir ittra backdated mis-sena l-oħra fejn nagħmlu request għal-*extension of time* għar- *resurfacing* ta’ Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela u request għal ‘change in material’. Din diġa kienet saret is-sena l-oħra. Pero iridu ukoll dikjarazzjoni mill-Perit li m’hemmx bżonn ta’ permessi mill-MEPA minħabba l-bidla fil-materjal. Is-Segretarju nfurmat li meta tkellmet mal-Perit huwa qal li *change of material* mhux ser isir għax diġa qeda kif jixtieqa l-Kunsill. Huwa kompla jgħid biex il-Kunsill joqgħod attent peress li s-sitwazzjoni finanzjarja mhiex qeda sewwa għandna noqgħodu attenti li ma niffirmawx xi kuntratt li l-Kunsill ikollu joħroġ xi €17,000. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li għandna nerġgħu nitkellmu mal-Perit u insemmu li l-Mellieħa u l-Mġarr għamlu *change in material* għax jekk nistgħu ma nitilfux dawn il-fondi, ma nitilfuhomx.

10. LAQGĦA TA’ OĠĠEZZJONI GĦAL CAPITAL PROJECTS

10.1 Din il-laqgħa saret dakinhar tal-laqgħa u attendew ghaliha il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Segretarju Eżekuttiv.

10.2 F'din il-laqgħa, Dr. Sant spjega l-proġetti li kellna f'moħħna u staqsejna għaliex il-Kunsill ta' Ħal Lija ma ħa xejn.

10.3 Fuq il-proġett tal-binja, l-board qal li jista' jkun għax ma kienx hemm *costings* u barra minn hekk għax l-art għada mhiex devoluta lill-Kunsill. Ridna ukoll ngħidu li l-Kunsill kellu l-ħsieb li jagħmel bħal Civic Centre. Il-Board qal bl-importanza li jidħlu third parties u x'ser nigwadanjaw

10.4 Fuq il-proġett tat-Torri, il-board qal li ħarget skema oħra għar-restawr imma aħna qedna li t-Torri ma kienx jikkwalifika għal din l-iskeda. Dr. Marc Sant bagħat lill-Board il-Memo mid-Dipartiment li tgħid li l-monumenti li huma devoltui lill-Kunsill ma jikkwalifikawx għal din l-iskema.

10.5 Is-Segretarju u Dr.Marc Sant qalu li fuq il-proġett tat-Torri kienu iktar pożittivi imma irridu nistennew ir-risposti tal-Board.

## 11. ILMENTI MINGĦAND IL-KUNSILLIERA

11.1 Is-Sur Massimo Scerri ressaq ilment li fi Triq Sant 'Andrija quddiem il-mastrudaxxa hemm kanna ta' l-ilma minn taħt it-tarmac li qeda tinixxi u anke fi Triq'Sant Andrija Sqaq nr.1 quddiem The Meadows.

11.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li il-laqgħa tat-Drug Squad tista ssir filgħodu meta jgħidulna huma u jiġi min ikun jista'.

11.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li lir-residenti m'aħniex nitkellmu magħhom dirett imma meta ikun hemm ilmenti qed nibgħatu ittra. Hija staqsiet jekk il-Kunsill għandux id-dritt li jitkellem mar-residenti. Is-Segretarju qalet li meta tasal complaint l-ewwel tipprova tasal bil-kelma t-tajba qabel ma tirraporta barra. Hija qalet li qed jinagħta li tal-Kunsill qed jibżaw jitkellmu man-nies. Dan qed isir fi Triq Id-Dejqa meta hemm xi ħadd li qed iħalli l-qsari barra biex meta jiġu tal-familja ikollhom fejn jipparkjaw u l-istess complaint huwa fi Triq Egidio Lapira, pero qed jintuża ġebel minflok qsari. Fuq dawn il-complaints trid tingħata aktar informazzjoni biex tkun tista tittieħed azzjoni.

11.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tgħid ukoll li facebook irid jingħalaq għax mhux qed jintuża professjonalment. Din trid terġa tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill.

11.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia reġgħet tkellmet fuq iż-żjut li qed jitħalla fi Triq il-Dejqa. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li hi ta' l-idea li trid tingħalaq. Pero din ma ssolvix il-problema. Bħala Kunsill għandna nitkellmu mal-persuna konċernata qabel ma tittieħed azzjoni barra.

11.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fejn is-Salvatur il-Qadim għat-tieni darba kien hemm notice safra biex ma jintremix żibel u reġgħet inqalet. Iż-żibel li jitpoġġa hemm huwa ta' kull kwalita, bħal xaħx, injam gwardarobbi etc... Hija tixtieq li din in-notice terġa titpoġġa.

11.7 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li għandha nerġgħu noħorġu in-notice fuq iż-żibel peress li qed jinħareg żibel minn filgħaxija.

## 12. LAQGHA TAL-KUNSILL

12.1 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015 fil 5.00p.m.

## 13. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fit-8.30 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv